MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 778/2004/1

**Id-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tas-Sahha**

**v.**

**Anthony Borg**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-13 ta’ Ottubru, 2004, u li jaqra hekk:

> “Peress illi l-konvenut kien intrabat li jwettaq xoghol taht tlett kuntratt, u cioe` wiehed “For the supply of frozen boneess ox-beef for the service of all hospitals and institutions in Malta”, u zewg kuntratti “For the supply of fruits and vegetables for the service of all government hospitas and institutions in Malta” wara li l-attur kien accetta l-offerti maghmula minnu in segwitu ghal sejha ghall-offerti ppubblikati fil-gazzetta tal-Gvern (Avviz numru 207/2000, Avviz Numru 122/2001, u Avviz Numru 229/2000), dok. A sa dok. C rispettivament;
>
> “Peress illi l-ittri ta’ accettazzjoni relattiva kienu inhargu fid-29 ta’ Awwissu, 2000 (LA278/2000); 8 ta’ Gunju 2001 (LA229/2001) u 4 ta’ Ottubru 2000 (LA324/2000) rispettivament, dok. d sa dok. F rispettivament;
>
> “Peress illi sussegwentement il-konvenut naqas li jwettaq l-obbligi kontrattwali minnu assunti bil-konsegwenza illi l-attur kellu jdur fuq obblaturi ohra;
>
> “Peress illi bhala konsegwenza, l-attur hallas l-ammont totali ta’ hamsa u erbghin elf, erba’ mija sebgha u erbghin lira, tmienja u sittin il-centezmu (LM45,447.68c) aktar fuq dan il-kuntratt kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
>
> “Peress illi skont il-ligi kif ukoll skont il-klawzola numru 21 tal-kondizzjonijiet generali tal-kuntratt u klawzola numru 12 tal-kondizzjonijiet specjali li jiffurmaw parti mill-kuntratt ta’ bejn il-partijiet, il-konvenut hu responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-inadempjenza tieghu;
>
> “Peress illi l-attur interpella lill-konvenut biex ihallas l-ammont dovut izda huwa baqa’ inadempjenti;
>
> “Jghid ghalhekk il-konvenut, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti Civili m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjarah inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu kif fuq spjegat, u responsabbli ghall-hlas lill-attur tad-danni konsegwentement sofferti mill-istess atturi.

“2. Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ hamsa u erbghin elf, erba’ mija sebgha u erbghin lira, tmienja u sittin il-centezmu (LM45,447.68c) jew somma verjuri ohra li okkorrenti tigi minn din il-Qorti likwidata ghar-ragunijiet premessi.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Marzu, 2002 u 16 ta’ Dicembru, 2003 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi

“1. Illi, in linea preliminari, l-eccipjent jecepixxi illi l-Avviz Numru 229/2000 esebit mill-atturi bhala dokument ‘B’ mac-citazzjoni taghhom ma jirrigwardjax lilu u ghalhekk f’dan ir-rigward l-eccipjent ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez interament kontra l-istess atturi.

“2. Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa dejjem onora l-obbligi tieghu fil-ftehim u fejn huwa ma onorax tali obbligi dan kien dovut ghall-fatturi u cirkostanzi li ma kienux assolutament fil-kontroll tieghu u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` illi jipprova waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Ghalhekk japplika l-principju legali ‘nemo tnetur ad impossibilita` a favur tal-istess eccipjent.

“3. Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa m’huwa risponsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-atturi jew min minnhom.

“4. Illi l-eccipjent jirreferi ghar-raba’ u l-hames premessa tac-citazzjoni attrici u jecepixxi illi l-ammont hemmhekk indikat ma jistax jitqies bhala danni allegatament sofferti mill-atturi u dana stante li kienet xelta taghhom li jaghzlu obblatur iehor bi prezz superjuri ghal tieghu [jekk fil-fatt kien il-kaz]. Certament li l-eccipjent m’ghandux ihallas ghal ‘danni’

li huma ‘self-inflicted’ mill-atturi stess jew min minnhom. Ghalhekk tali ammont ma jistax jitqies bhala ‘danni’ skont il-ligi.

“5. Illi, finalment u minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit, l-eccipjent jecepixxi illi fi kwalunkwe kaz u fl-aghar ipotesi l-ebda ammont m’huwa dovut lill-atturi u dan stante li huma gia` hadulu somma sostanzjali billi irriducewlu mill-ammonti li kienu dovuti lilu u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` li jipprova waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“... ... ... filwaqt li tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-avviż 229/2000, tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi billi tgħid illi l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt l-avviżi 207/2000 u 122/2001 u li għalhekk għandu jwieġeb għad-danni relativi, u tilqa’ t-tieni talba iżda biss billi tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi bħala danni s-somma ta’ tmienja u ħamsin elf, seba’ mija u tmien euro u sebgħin ċenteżmu (€58,708.70), flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju.

“37. L-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu hekk: erbgħin fil-mija (40%) iħallsuhom l-atturi u sittin fil-mija (60%) jħallashom il-konvenut.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“8. Fil-qosor, il-fatti huma dawn: il-partijiet daħlu fi ftehim fejn il-konvenut kellu jissuplixxi lill-atturi kwantitajiet ta’ ħxejjex, ta’ frott u ta’ laħam taċ-ċanga (*ox beef*). Din ir-rabta kienet toħrog minn offerta tal-konvenut li kienet ġiet

aċċettata wara li kienu nħargu sejħiet għall-offerti billi l-offerta tal-konvenut kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Ġara illi mbagħad il-konvenut beda' jonqos milli jlaħħaq mad-domanda għall-provvista magħmula mill-atturi u għalhekk kien qed jonqos milli jissuplixxi l-prodotti lill-atturi meta dawn kienu jitolbuhomlu. L-atturi kienu jibagħtu jgħarrfu b'dan in-nuqqas lill-konvenut u jinfurmawh illi minħabba f'dan in-nuqqas tiegħu, huma kellhom jixtru dawn il-prodotti li kienu jeħtieġu mis-suq miftuħ bi prezz ogħla[1]. B'*fax* tal-31 ta' Lulju 2000 il-konvenut kien għarraf lid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti li "*I have been experiencing some difficulties in supplying Beef in Class A because of market shortage*"[2]. Kważi sena wara, fil-15 ta' Ġunju 2001, il-konvenut, permezz tal-avukat tiegħu, kien reġġa' kiteb lid-Direttur Ġenerali fejn għarrfu illi minħabba l-*mad cow disease* kien hemm skarsità ta' laħam taċ-ċanga (*ox beef*) u għalhekk talbu sabiex "*the contract should be held in abeyance pending further developments*"[3].

"9. Billi l-konvenut naqas milli jagħti l-provvista tal-prodotti li kien intrabat illi jissuplixxi u billi minħabba dan in-nuqqas l-atturi kellhom jidħlu fi spejjeż biex jiksbu l-istess prodotti mingħand ħaddieħor bi prezz ieħor, l-atturi fetħu din il-kawza biex jiġbru dawn l-ispejjeż minħand il-konvenut.

"10. Il-konvenut min-naħa l-oħra jgħid, fost ħwejjeġ oħra, illi hu ma setax iwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu għax kien hemm il-*mad cow disease* li waslet għal skarsità fl-importazzjoni ta' laham taċ-ċanga (*ox beef*) f'Malta.

"11. Qabel mal-qorti tqis il-meritu hija meħtieġa deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-konvenut.

"12. Il-qorti tara illi l-konvenut għandu raġun f'din l-eċċezzjoni.

"13. L-avviż 229/2000 ma jsejjaħx lill-konvenut, iżda jsejjaħ lil xi ħadd ieħor li joqgħod Ħal Safi meta l-konvenut joqgħod Saint Andrews. Isem u kunjom din il-persuna, għalkemm ma jingħarafux fl-avviż 229/2000, huma differenti minn dawk tal-konvenut fuq iż-żewġ avvizi l-oħra. Il-firma wkoll tidher *ictu oculi* differenti minn dik tal-konvenut meta mqabbla ma' dik tal-avviż 122/2001

---

1 Ara *e.g.* l-ittri *foll*. 159, 160 u 162.

2 *Fol*. 57.

3 *Foll*. 55-56.

u dik tal-avviż 207/2000. Barra minn hekk, l-applikant fuq avviż 229/2000 għandu dettalji kompletament differenti minn dawk tal-konvenut[4].

"14. Fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, partikolarment dik tal-konvenut, xejn ma jissemma dwar dan l-aspett għalkemm hemm eċċezzjoni speċifika dwaru. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, hekk kif ukoll fil-premessi fiċ-ċitazzjoni, l-atturi jgħidu u jisħqu li l-konvenut kien marbut bi tliet kuntratti, meta l-provi juru li kienu tnejn il-kuntratti li l-konvenut kien rebaħ b'*tender*, u *cioè* dak bl-avviż 207/2000 li beda fil-1 ta' Jannar 2001 u dak bl-avvż 122/2001 li beda fil-1 ta' Lulju 2001.

"15. Huma dawn iż-żewġ rabtiet li l-konvenut kellu ma' l-atturi u allura huwa fuq dak li ntrabat bih f'dawn iż-żewg kuntratti li l-konvenut għandu jiġi msejjaħ biex iwieġeb. L-avviż 229/2000 m'għandux x'jaqsam mal-konvenut u għalhekk ma għandux relevanza għall-għanijiet ta' din il-kawża.

"16. Perplessità ohra li toħroġ mill-provi hija illi ħarsa lejn xi dokumenti eżibiti mill-atturi turi korrispondenza minn żmien qabel ma ġew mirbuħa ż-żewġ *tenders* mill-konvenut. Fost din il-korrispondenza, hemm ittri li jitkellmu dwar nuqqasijiet tal-konvenut fl-aħħar tas-snin disgħin, qabel ir-rabta li kellu l-konvenut bil-kuntratti li dwarhom hija l-kawża tallum.

"17. Ir-rabta ta' bejn il-partijiet li dwarha hija din il-kawża ġiet fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2001 għall-avviż 207/2000 u fl-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2001 għall-avviż 122/2001. B'kollox għalhekk, il-konvenut kien marbut b'kuntratt mal-atturi mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2001. Huwa relativament għal dan iż-żmien illi l-qorti għandha tqis kif il-konvenut wettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu. Kull dokument li jirreferi għal fatti li seħħew fi żmien qabel ma għandu ebda relevanza għall-kawża.

"18. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni għandha tintlaqa', izda biss għal dak li għandu x'jaqsam mal-avviż 229/2000 billi dan l-avviż ma jorbotx lill-konvenut mal-atturi.

"19. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm il-kawża hija dwar obbligazzjonijiet kuntrattwali, ħadd mill-partijiet ma eżebixxa kopja tal-kuntratti nfushom; kull ma hemm fl-atti hija referenza għall-klawsoli relevanti fiċ-ċitazzjoni u fin-nota

[4] L-indirizz fejn joqgħod, in-numru tal-liċenza tal-pulizija, in-numru ta' reġistrazzjoni għall-għanijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, in-numru tat-telefon, *etc*.

ta' sottomissjonijiet tal-atturi tal-11 ta' Marzu 2011. Għalkemm mhux l-aħjar prova, dawn ma ġewx kontestati mill-konvenut u għalhekk il-qorti tifhem illi hemm qbil illi dawn il-klawsoli kienu tassew parti mill-ftehim.

"20. Dwar il-mertu, l-konvenut igħid illi t-twettiq tal-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu kien imxekkel minn cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom u li żammewh milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu kif ried il-ftehim. Fi kliem ieħor, għalkemm il-konvenut qiegħed jagħraf illi kien hemm rabta kontrattwali ma' l-atturi li kienet teħtieġ minnu prestazzjoni specifika – il-kunsinna ta' prodotti[5] – madanakollu qiegħed jinvoka favurih il-massima *nemo tenetur ad impossibilia*.

"21. Għalhekk, il-qorti trid tara jekk il-konvenut tassew kienx jinsab f'pożizzjoni li kienet tagħmilha impossibbli għalih illi jagħmel dak li ntrabat li jagħmel.

"22. Ladarba l-obbligazzjoni hija waħda kuntrattwali, l-attur għandu jġib biss prova tar-rabta kuntrattwali u u tal-inadempiment, iżda huwa meħlus milli jġib prova ta' *culpa*, u huwa fuq il-konvenut l-oneru li jagħmel il-prova tal-impossibilità kif igħid l-art. 1134 tal-Kodici Civili.

"23. Fil-fehma tal-qorti, lill-atturi seħħilhom illi jegħelbu l-oneru tal-prova u wrew li l-konvenut kellu l-obbligu li jagħti provvista ta' prodotti izda kien hemm nuqqas da parti tiegħu[6].

"24. Il-konvenut jargumenta illi l-kriżi tal-*mad cow disease*, li naqqset drastikament l-importazzjoni ta' laħam taċ-ċanga (*ox beef*), hija fattur indipendenti mir-rieda tiegħu li seħħ wara li sar il-kuntratt u li ħoloq impossibilità oġġettiva għalih li jagħmel dak li ntrabat li jagħmel.

"25. Il-qorti ma taqbilx ma' dak li qiegħed igħid il-konvenut. Il-provi juri b'mod ċar kif wara li daħlu fis-seħħ il-kuntratti, l-konvenut naqas kemm-il darba milli jħares ir-rabtiet kontrattwali li daħal għalihom. Il-provi juru illi għalkemm, f'dawk iż-żminijiet, kien hemm il-kriżi tal-*mad cow disease*", l-importazzjoni ta' laħam taċ-ċanga (*ox beef*) ma kinetx xi ħaġa impossibbli li

5 *Affidavit* tal-attur paragrafi §4 u §9 *fol.* 176 u *fol.* 177 rispettivament.

6 Ara, *inter alia, foll.* 6-7, *foll.* 10-11, *foll.* 12-13, *fol.* 14 u l-ammissjoni tal-konvenut fl-*affidavit* tieghu f'paragrafi §4 u §9, *fol.*176.

seħħ, tant illi l-atturi fil-fatt ġabu provvisti mingħand terzi. F'dak iż-żmien kien hemm importazzjoni lejn Malta mill- Awstralja u minn New Zealand[7]. Din l-importazzjoni kienet waħda fattibbli u għalkemm setgħet għamlet it-twettiq tal-obbligazzjonijiet tal-konvenut aktar oneruż jew diffiċli, zgur ma għamlitux impossibbli, hekk kif hu qed jikkontendi. Il-konvenut stess, f'korrispondenza mad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, igħid illi "*I have been experiencing some <u>difficulties</u> in supplying Beef in Class A because of market shortage*"[8].

"26. Il-provi huma siekta dwar l-isforzi tal-konvenut sabiex almenu jipprova jġib laħam taċ-ċanga (*ox beef*) minn x'imkien ieħor. Fl-atti hemm biss dak li jgħid hu, iżda m'hemm xejn li effettivament juri li, minn tal-inqas, hu għamel ħiltu sabiex iġib laħam taċ-ċanga (*ox beef*) minn x'imkien ieħor. Dan żgur ma jgħinx lill-konvenut fid-difiża ta' *nemo tenetur ad impossibilia*.

"27. Għalkemm il-konvenut sostna illi "ma sibtx laħam meta konna nibagħtu 'l hawn u 'l hemm"[9] u li "konna niktbu u nagħmlu biex naraw xi prezzijiet u kienu jgħidulna li m'hawnx per eżempju għax kien hawn dik il-kriżi"[10], il-konvenut ma wera bl-ebda mod tanġibbli kif kien wettaq dawn l-isforzi. L-*accountant* tal-konvenut, William Ambrogio, sostna illi f'dawk iż-żminijiet "kien hawn *importer* tal-laham stabbilit"[11] li kellu laħam iżda li l-konvenut qatt ma kkunsidra jixtri mingħandu. Raġuni ta' dan ma setax jagħti.[12]

"28. X'aktarx il-verità kienet illi għalkemm l-konvenut seta' jġib laħam mill-Awstralja jew minn New Zealand, hu ma impurtax minn dawn il-pajjiżi għax il-prezz tal-bejgħ kien ogħla minn dak li kien intrabat bih mal-atturi. Filwaqt li l-konvenut sostna illi "kollox kont nixtri, li kien ikun hemm bżonn nixtrih kont. Ma kontx nara prezz"[13] u illi, "Jiena bil-prezz biex naqdi l-gvern bil-prezzijiet li kont insib inġib"[14], l-*accountant* tiegħu, William Ambrogio, sostna illi, "jidhirli li hawn Malta kien hawn xi ħadd li kien iġib mill-Awstralja li kien għali bhala prezz. Biss aħna personalment ma sibniex *supplier*. Probabbli ippruvajna,

---

7 Ittra tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji tat-13 ta' Lulju 2001, *fol*. 34.

8 *Fol*. 57.

9 *Fol*. 192.

10 *Ibid*.

11 *Fol*. 215.

12 *ibid*.

13 *Fol*. 199.

14 *Fol*. 193.

ma nafx"[15] u illi dwar ix-xiri ta' laħam minn barra l-prezz kien projbittiv u kien għali wisq[16].

"29. Għalhekk, dwar il-kuntratt għall-fornitura ta' laħam taċ-ċanga (*ox beef*) taħt l-avviż 207/2000, il-qorti tara li l-konvenut kien inadempjenti u ma pprova bl-ebda mod li b'bona fidi u bħala *bonus paterfamias*, almenu ipprova jara x'jagħmel sabiex iħares il-kuntratt bejnu u bejn l-atturi. Lill-konvenut ma seħħlux juri li hu ma setax iwettaq l-obbligazzjoni minħabba impossibilità kif qiegħed jallega. Il-konvenut, għaldaqstant, għandu jwieġeb għad-danni.

"30. Dwar il-kuntratt l-ieħor għall-provvista ta' frott u ħxejjex lill-istituzzjonijiet governattivi, hawn ukoll jidher biċ-ċar illi l-konvenut kien inadempjenti. F'dan ix-xenarju partikolari, il-kriżi tal-*mad cow disease*" ma kellha x'taqsam xejn. Il-provi juru li l-konvenut ma kienx jimxi kif miftiehem ma' l-atturi. Għalhekk, għal dak li għandu x'jaqsam ma' dan il-kuntratt (provvista ta' frott u ħxejjex) il-konvenut kien ukoll inadempjenti u għandu jwieġeb għall-ħsara mitluba.

"31. Huwa ta' xejn għall-konvenut jgħid illi l-awtoritajiet qatt ma għarrfuh minn qabel li hu kien qed jaqa' lura fl-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu. Il-*letters of acceptance* jitkellemu ċar biżżejjed dwar dan l-aspett.

"32. Imiss issa li ssir il-likwidazzjoni tad-danni.

"33. L-atturi talbu s-somma ta' mija u ħamest elef, tmien mija u erbgħa u sittin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€105,864.62– qabel Lm45,447.68) rappreżentanti l-ispejjeż li daħlu fihom meta kellhom jixtru mingħand ħaddieħor fis-suq miftuh il-prodotti li naqas milli jikkonsenja l-konvenut.

"34. L-atturi ma tellgħu lil ħadd sabiex ifisser kif waslu għal din iċ-ċifra u l-provi li ressqu huma kemmxejn konfliġġenti. Hemm dokument li jindika l-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u wieħed u ħamsin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm45,451.46)[17], dokument li juri ċ-ċifra ta' sitta u ħamsin elf u disa' mitt lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm56,900.95)[18] u dokument ieħor li jsemmi bilanċ ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u ħames liri u sebgħa u

[15] *Fol*. 213.

[16] *Fol*. 215.

[17] *fol*. 105.

[18] *Fol*. 114.

erbgħin ċenteżmu (Lm37,805.47)[19]. Dawn id-diversi ammonti żgur ma jgħinux lill-qorti u żgur il-qorti mhix sejra tagħmel xogħol dik il-parti li kellha tipprova l-każ tagħha.

"35. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, u billi l-konvenut ukoll, min-naħa tiegħu, naqas milli jikkontesta ċ-ċifri, u naqas ukoll milli juri kif u kemm l-atturi ġà naqqsulu minn dak li kellhom jagħtu lilu, il-qorti sejra toqgħod fuq l-anqas ċifra li tirriżulta mid-dokumenti eżebiti mill-atturi – dik ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u ħames liri u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm37,805.47) – u, billi din hija maħduma fuq l-assunzjoni li l-kuntratti li bihom intrabat il-konvenut kienu tlieta meta fil-fatt kienu tnejn, sejra tkompli tnaqqasha b'sehem wieħed minn tlieta (⅓) biex tasal għal ċifra ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u tliet liri u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm25,203.65) – daqs tmienja u ħamsin elf, seba' mija u tmien euro u sebgħin ċenteżmu (€58,708.70)."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma u tvarja s-sentenza moghtija nhar il-11 ta' Ottubru 2011 mill-Prim' Awla Tal-Qorti Civili per l-Imhallef Giannino Caruana Demajo fir-Rikors Numru 778/2004 fl-ismijiet id-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tas-Sahha vs. Anthony Borg u dana billi tikkonferma dik il-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni izda tichad it-talbiet attrici, u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha li fadal tal-konvenut appellant u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra appellati."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"… … … tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti sa fejn laqghet it-talbiet tal-attur, filwaqt illi tirriforma l-kumplament tas-sentenza fis-sens illi tiddikjara li l-ammont kollu mitlub mill-appellanti in konnessjoni mat-tliet ittri ta' accettazzjoni in kwistjoni huwa dovut lilhom minghand l-appellat Borg, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat Anthony Borg."

[19] Ara d-dokumenti maħruga mid-Diviżjoni tas-Saħħa eżebiti minn Joseph Degiorgio quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Av. Emmanuel Buttigieg fis-seduta tal-21 ta' April 2005.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi:

> "… … … l-Appell Incidentali propost mill-atturi-appellati ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell a spejjez tal-istess Dipartiment tal-Kuntratti u Dipartiment tas-Sahha.
>
> "Daqstant l-esponenti appellanti ghandhom l-unur li jwiegbu u jhallu ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi jghidu li l-konvenut rebah tlett kuntratti ghall-provista ta' hxejjex, ta' frott u ta' laham tac-canga fi sptarijiet u istituzzjonijiet tal-gvern. Huma jghidu wkoll illi l-konvenut naqas milli jaghti l-provvista kif kien tenut li jaghmel bis-sahha tal-kuntratti imsemmija, bir-rizultat li huma kellhom jixtru ikel fis-suq u b'hekk dahlu fi spejjez zejda. Huma ikkwantifikaw d-danni u l-

penali li l-konvenut inkorra minhabba l-inadempjenza tieghu fis-somma ta' €105,864.62 (qabel LM45,447.68).

Il-konvenut wiegeb illi hu ghandu x'jaqsam ma' tnejn u mhux ma tlett kuntratti, u li f'kull kaz, meta naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu dan kien minhabba cirkostanzi li assolutament ma kellux kontroll fuqhom.

L-ewwel Qorti accettat li wiehed mill-kuntratti, dak bin-numru 229/2000 ma jghajjatx lill-konvenut, pero`, cahdet l-eccezzjoni tieghu fil-meritu wara li sabet li ma kienetx impossibbli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu.

Il-konvenut appella principalment mis-sejbien tar-responsabbilita`, waqt li l-atturi appellaw incidentalment dwar il-limitazzjoni mill-ewwel Qorti tad-domandi taghhom ghal zewg kuntratti biss.

Trattat l-ewwel l-appell tal-konvenut, din il-Qorti tara li dan l-aggravju tal-konvenut mhux misthoqq. Kif jammetti l-istess konvenut, il-principju huwa li *nemo tenetur ad impossibilia*, li jfisser li biex debitur ta' obbligazzjoni jigi mehlus mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu, irid jirrizulta li kien <u>impossibbli</u> ghalih li jwettaq l-obbligazzjoni. Il-fatt li l-esekuzzjoni tal-kuntratt

saret aktar difficli jew aktar spendjuza ma jezonerax lid-debitur tal-obbligazzjoni.

Fil-kawza **Mizzi noe v. Attard noe**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 1969, intqal li f'kaz ta' trazzin tax-xoghol mill-haddiema, il-kumpanija debitrici trid xorta wahda tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha. Biex il-kumpanija tezonora ruhha mir-responsabbilita`, irid jintwera li l-effett tat-trazzin tax-xoghol fuq l-obbligazzjoni ma setghax jigi ovvjat b'xi mezz li fic-cirkostanzi seta' jigi ragonevolment mistenni mill-kumpanija. Fil-kawza **Id-Direttur tal-Kuntratti v. Office Electronics Ltd.** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru, 2004, intqal li zieda fil-prezzijiet mill-fornituri esteri ma hijiex skuza ghall-inadempiment tal-obbligazzjoni, avolja dan ifisser li l-ispejjez ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt kibru (ara wkoll **Grech v. Muscat**, deciza mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005).

Aktar cara hija l-posizzjoni li hadet il-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italia f'kuntest simili, fejn gie enfasizzat il-htiega ta' impossibilita` assoluta u oggettiva biex id-debitur ta' obbligazzjoni jezonora ruhu. Hekk, f'kawza deciza fit-8 ta' Ottubru, 1973, intqal illi "*l'impossibbilita` totale che estingue l'obbligazione deve essere obiettiva ed assoluta e non si puo` far consistere in una semplici difficolta`*. F'decizjoni ohra li tat l-istess Qortii fis-16 ta' Marzu, 1987, intqal hekk:

"*L'impossibilita` che estingue l'obbligazione e' da intendersi in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella soppravvenienza di una causa, non inputabile al debitore, che inpedisce definitivamente l'adempuniento; il che – alla stregua del principio secondo cui 'genus nunquam perit' – puo` evidentemente verificarsi solo quando la prestazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genera limitato, e non gia` quando si tratta di una somma di denaro.*"

Il-Qorti tal-Qppell ta' Milan f'sentenza li tat fis-7 ta' Novembru, 1947, kienet enfasizzat illi:

"*Le semplici difficolta`, il maggior disagio o il maggior dispendio nell'adempiminto dell'obbligazione non integrano gli estremi dell'impossibilita` assoluta ed obiettiva insita nel concetto di forza maggiore.*"

Tant hu hekk li f'decizjoni tal-istess Qorti ta' Milan tal-5 ta' Dicembru, 1974, kuntrattur ta' fornitura ta' zejt ma giex mehlus mill-obbligazzjoni konsegwenza tal-problemi fis-suq rizultat tan-nazzjonalizzmu taz-zejt fil-Libja u l-gwerra tal-Kippur. Intqal infatti:

"*La estrema difficolta` di rifornimento del greggio, dovuta alla nazionalizzazione del petrolio da parte della Libia e agli eventi conseguenti alla guerra del Kippur, non rende impossibile la prestazione di un'impresa di raffinanzione che si era impegnata a conseguare una certa quantita` di petrolio reprendola dal mercato e che aveva contrattualmente predisposto un mecanismo adeguamento (sippure parziale) del prezzo.*"

(ara il-ktieb "La Responsabbilita` Contrattuale" da Guido Santoro gharriferenzi).

Fil-kaz in ezami, il-konvenut jghid li l-krizi tal-*mad-cow disease* ma hallietux jimporta laham tac-canga kemm xtaq u din il-krizi irrendiet l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni impossibbli. Kif qalet l-ewwel Qorti, pero`, il-konvenut ma weriex li kienet impossibbli ghalih li jimporta laham minn, per ezempju, l-Awstralja jew New Zealand. Jekk il-konvenut sab diffikulta` jimporta kemm ried laham mill-fornituri regolari tieghu, kellu jfittex suq iehor, anke jekk bi prezz oghla. Fil-kaz in ezami, il-problemi li gie rinfaccjat bihom il-konvenut setghu jigu ovvjati b'mizuri ohra li ragonevolment kien mistenni li jiehu, u dan billi tal-anqas jipprova, b'impenn mehtieg, jgib laham tac-canga minn x'imkien iehor. Dan ma jirrizultax li sar. Fil-fatt, mill-provi jirrizulta li f'dak iz-zmien kien hawn importatur stabbilit tal-laham, pero`, ghal xi raguni, il-konvenut ma jidhirx li ttenta jixtri l-laham tac-canga minghandu. Isegwi, li l-ostakolu indikat ma kienx "*insormontabbli*" u, allura, ma jezonorax lid-debitur mir-responsabbilita` - ara **Raymond noe v. Busuttil** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1942.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-provista ta' frott u hxejjex, il-provi juru li anke f'din il-materja l-konvenut kien jaqa' lura. Ovvjament, min-natura tal-prodott, il-provvista trid tkun regolari u f'waqtha, izda hawn ukoll, il-konvenut ma kienx

jimxi kif miftiehem, avolja, f'dan ix-xenarju, il-krizi tal-*mad-cow disease* ma kienet ticcentra xejn.

L-aggravju tal-konvenut fl-appell principali tieghu marbut mar-risponsabbilita` tieghu qed jigi, ghalhekk, michud.

Iz-zewg partijiet ressqu aggravji marbuta mal-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti. Il-konvenut jallega li dan kien "*self inflicted*" u f'kull kaz, ma giex ippruvat, waqt li l-atturi jghidu li ghandhom jiehdu kumpens anke ghat-tielet kutnratt li jinsistu ittiehed ukoll mill-konvenut.

Trattat, l-ewwel, l-aggravju tal-konvenut, din il-Qorti tiddikjara mill-ewwel li ma tistax taqbel mieghu. Meta l-gvern sab ruhu bla ikel u haxix ghall-isptarijiet tieghu, ma setax joqghod jittituba u jistenna sa ma forsi jirranga mal-konvenut. Il-prodotti jridu jkunu friski u konsumabbli, u kellu, ghalhekk, jara s-suq x'jofrilu "*at short notice*". Is-sitwazzjoni holoqha il-konvenut, u d-danni ma gewx ikkawzati mill-atturi izda kienu konsegwenza diretta tal-inadempjenza tal-konvenut. Ma jirrizultax li l-atturi xtraw prodotti bi prezz ghali hafna, izda mill-provi mhux kontradetti, in-nefqa kienet dik mehtiega.

Dwar l-ammont innifsu, hu veru li l-atturi ressqu kontijiet diversi, izda l-ewwel Qorti imxiet fuq l-orhos wahda. Il-kontijiet gew murija b'dokument appozitu li ma giex attakkat mill-konvenut. Il-prova bil-gurament hija valida u ammissibbli, u jekk il-parti l-ohra ma tattakkax dik il-prova, u l-Qorti tqisha accettabbli u veritjiera, allura tista' tinghata sentenza a bazi ta' dik il-prova. F'dan il-kaz, il-konvenut naqas li jikkontesta l-ammonti mressqa mill-atturi bhala indikazzjoni tad-danni, u l-konvenut ma jistax, allura, jilmenta li ma saritx il-prova relattiva.

Fil-kuntest tal-appell incidentali tal-atturi, din il-Qorti tara li ghandhom ragun dwar in-numru ta' kuntratti li ha l-konvenut. Mill-provi, ghalkemm hu veru li ghas-sejha numru 229/2000 kien hemm applikazzjoni minn persuna differenti mill-konvenut, in atti hemm l-accettazzjoni ta' dan it-tender ghall-offerta tal-konvenut. Jirrizulta, ghalhekk, li kienet l-offerta tal-konvenut li giet accettata u mhux ta' terzi, u l-obbligu kien tal-konvenut li jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu li johorgu wkoll minn dan it-tender.

Kwindi, is-somma ta' danni stabbilita mill-ewwel Qorti ma ghandhiex titnaqqas b'terz, kif ghamlet l-ewwel Qorti, izda ghandha tibqa' Lm37,805.47, ossija €88,063.06.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenut billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-avviz 229/2000, u minflok tichad dik l-eccezzjoni, u tvarja l-ammont ta' danni likwidati billi tordna illi dawn ghandhom ikunu tmienja u tmenin elf tlieta u sittin euro u sitt centezmi (€88,063.06) (u mhux tmienja u hamsin elf seba' mija u tmien euro u sebghin centezmu (€58,708.70) kif illikwidat l-ewwel Qorti), li ghandhom jithallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti, u tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu mill-konvenut Anthony Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------